MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru 520/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Peter Paul Said**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra Peter Paul Sant, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 23588G akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Awwissu tal-2014 gewwa l-inhwai tar-Ramla l-Hamra limiti tax-Xaghra, Ghawdex u kif ukoll gewwa postijiet ohra fin-Nadur, Ghawdex f'hinijiet differenti:
>
> 1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika fuq il-persuna ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu

jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhaba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara volontarja fuq ir-radio tas-servizz ta' PS 820 J. Vella liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u dan ghad-dannu ta' l-istess PS 820 J. Vella, tal- Gvern ta' Malta u tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon-ordni u/jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen, jew indecenti li jikkonsisti wkoll f'dagha u ghamel ati jew gesti oxxeni;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordinijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed minn servizz pubbliku;

8. talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 19 ta' Gunju 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna wkoll li tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-2 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, 95, 96(a), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Peter Paul Said hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi kienet tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Peter Paul Said taht ordni ta' probation ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mid-data tas-sentenza, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti fid-data tas-sentenza u anness magħha.

**3.** Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Peter Paul Said bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness mas-sentenza u li f'kaz li jonqos

milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ probation, jista’ jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’dik is-sentenza.

**4.** Inoltre, ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ordnat li kopja ta’s-sentenza u ta’ l-ordni ta’ probation moghti b’Digriet tal-istess data ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Peter Paul Said.

**5.** Barra minn hekk il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€1000) ghal zmien sena mid-data tas-sentenza fil-konfront ta’ PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba.

**6.** Rat ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fis-17 ta’ Dicembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) Tikkonfermha f’dik il-parti fejn iddikjarat lil Peter Paul Said hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; u
ii) Thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti li tirrigwarda l-piena imposta fuq Peter Paul Said u minflok tinfliggi piena iktar idonea hekk kif ravvisata fil-ligi nostrana.

**7.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**8.** Il-fatti in kwantu relevanti għall-finijiet ta‘ dan l-appell jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

**9.** L-imputat appellat Peter Paul Said nstab ħati mill-ewwel Qorti ta’ diversi reati fosthom ir-reat ta’ attakk u reżistenza fuq żewġ uffiċjali tal-pulizija skont l-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali u ingħata sanzjoni mill-ewwel qorti konsistenti f’ordni ta’ probation ghal zmien tlett snin mid-data tas-sentenza bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni.

**Ikkunsidrat:**

**10.** L-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti sostanzjalment filli jilmenta li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma hix tax-xorta li trid il-liġi peress li l-artkolu 96(a) tal-Kodici Kriminali fic-cirkostanzi tal-każ kien jipprovdi għal piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn u ghal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro b'mod li l-ewwel qorti kellha necessarjament timponi kemm is-sanzjoni ta' priġunerija kif ukoll il-multa mentri l-ewwel qorti naqset milli timponi multa.

**11.** L-imputat appellat, minn naħa tiegħu, isostni li l-Avukat Generali qieghed jinsisti li l-piena li ghalih huwa suggett ir-reat li tieghu l-appellat instab hati teskludi l-possibilita tal-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 446 u jissottometti li dan ma hux korrett ghaliex id-dispozizzjoni relevanti li tirregola meta tista' u meta ma tistax tigi applikata probation fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' reat huwa l-artikolu 7 tal-istess Kap. 446 li jipprovdi li l-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation biss jekk il-persuna tigi dikjarata hatja ta' reat "li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda" li ma hux il-kaz tar-reat li tiegħu l-imputat nstab ħati.

**12.** L-imputat appellat għandu sostanzjalment raġun. Jingħad "sostanzjalment" għaliex l-appellant ma għandux raġun fejn jallega li l-Avukat Generali qieghed jippretendi li l-piena prevista mill-artikolu 96(a) teskludi l-possibilita tal-applikazzjoni tal-Kap 446. Dak li jilmenta minnu l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tiegħu hu li l-ewwel qorti qieghdet lill-appellat taht ordni ta' probation <u>biss</u> (sottolinear tal-Avukat Generali) u jzid li l-ewwel qorti riedet <u>ukoll</u> tassattivament tinflggi multa (sottolinear tal-Qorti). Jidher car, ghalhekk, li l-Avukat Generali jsostni li ghalkemm ma hux eskluz l-applikazzjoni tal-Kap 446 l-ewwel qorti hi tassattivament meħtieġa mil-ligi li timponi dejjem multa f'ammont li jkun jinkwadra fil-parametri previsti mill-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali.

**13.** B' danakollu, l-appellat ghandu ragun fejn isostni li l-interpretazzjoni li l-Avukat Generali jrid jaghti lill-artikolu 96(a) imsemmi ma hix sostenibbli fid-dawl tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap 446. Ma hemm xejn fl-artikolu 96(a) msemmi jew band' oħra fil-Kodici Kriminali, jew f'xi ligi ohra, li jeskludi l-applikazzjoni ta' xi miżura prevista fil-Kap 446 bhala alternattiva ghas-sentenza prevista ghall-htija tar-reat taht

l-artikolu 96(a). Minn naħa l-ohra, l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 jipprovdi li l-qorti tista' "minflok taghti sentenza dwar il-hati" taghmel ordni ta' probation, u dan hu li setghet taghmel, u li ghamlet, l-ewwel qorti. Minflok tat is-sentenza ta' prigunerija u multa prevista fl-artikolu 96(a) iddecidiet li taghmel ordni ta' probation. Is-subartikolu (2)(a) tal-istess artikolu, imbghad, jipprovdi li ordni ta' probation tista' biss issir jekk persuna tigi dikjarata hatja ta' reat, li hu l-każ tal-imputat. L-ordni ta' probation, skont l-imsemmi subartikolu (2)(a), ma tistax issir jekk ir-reat ikun punibbli b'multa jew ammenda biss, li ma hux il-każ tar-reat taht l-artikolu 96 fejn ir-reat hu punibbli bi prigunerija u multa. Ghalhekk id-deċizjoni tal-ewwel qorti li taghmel l-ordni ta' probation li ghamlet hi konformi ma l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 li jissanzjona l-istess ordni ta' probation minflok is-sentenza prevista fl-artikolu 96(a) ghall-htija tar-reat taht l-istess artikolu. Ghalhekk ma hemm xejn censurabbli fis-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi l-Qorti tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------